# Meta twieled eżatt Miruzzi?



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra, pp. 72-3, kont laqqajtkom ma’ Mro. Antonio Miruzzi li kien wieħed mis-surmastrijiet l-aktar bravi li dderieġa l-Banda Sengleana bejn l-1890-4. Dan għamiltu f’għeluq il-150 sena minn twelidu. Peress ukoll li s-sena d-dieħla inzertat l-75 sena minn mewtu, iddeċidejt li nibqa’ inżommkom ftit aġġornati dwar ħajtu u ħidmietu. F’dal-artiklu nixtieq immeri d-data stabbilita ta’ twelidu wara tagħrif li ksibt dal-aħħar. Niżżi ħajr lil Mons. Richard Borg B.A., Lic.D. tal-informazzjoni li għoġbu jgħaddili wara riċerka li għamel fir-reġistru parrokkjali tal-Furjana fejn kien Arċipriet.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Dun Ġann-Anton Vidal, Dun Manwel Borg, University of Malta ‘Ġ.F. Abela’ Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun).



Mro. Antonio Miruzzi ta' età pjuttost żgħażugħa

Qabel ma mort għal dal-artiklu dejjem kont noqgħod fuq l-informazzjoni mogħtija mill-kotba li ġejjin: *Ġrajja ta’ Baned f’Malta u Għawdex* (1956) ta’ Robert Mifsud Bonnici, *Is-Soċjetà Filarmonika ‘San Ġużepp’, Ħamrun: 75 Sena Ħajja* (1964) u *Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun 1889-1989* (1989) ta’ Joseph Mifsud Matrenza, *‘La Valette’ Soċjetà Filarmonika Nazzjonali: L-Ewwel Mitt Sena Storja* (1994) tal-Kan. John Ciarlò, *Erbatax-il Profil ta’ Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (1998) u *Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika ‘Leone’, Għawdex: Għeluq il-150 mit-twaqqif* (2012) ta’ Grazio Anton Grech, *Il-Mużika ta’ Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (2000) ta’ Joseph Vella Bondin, *Għaqda Mużikali Sant’ Andrija – Twelidha u Ġrajjietha* (2008) ta’ Jesmond Grech, kif ukoll fuq artikli bħalm’ huma: *Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi* (1972) ta’ Mro. Michael Chircop, *Maestro Antonio Miruzzi: mill-Arkivju tas-Soċjetà* (1994) ta’ Mifsud Matrenza, u *Is-Surmast Antonio Miruzzi* (1996) ta’ Joseph C. Camilleri. Agħar minn hekk, kotba oħra t’awturi magħrufin ftit jew xejn ma jgħidu dwaru: *Musica e Musicisti in Malta: Saggio* (1932) ta’ Dr. Ulderico Rolandi, *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum* (1951) u *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali* (1960) ta’ Mifsud Bonnici, *The Great Maltese Composers – Historical Context, Lives, and Works* (2016) ta’ Joseph Vella Bondin.


ĊERRTIFIKAT TAL-MAGĦMUDUJA
Certificate of Baptism

Estratt mill-original tar-Registru tal-Maghmudija tal-Parrocca ta' SAN PUBLIU FLORIANA MALTA

From tha original kept at the Parish of St Publius Floriana Malta

Isem / Name: Antonio, Mario, Carmel, Joseph Saviour, Publius

Iben/bint / Son/daughter of: Joseph Miruzzi

u / and: Michaela nee [illegible]

Imwieled/da / Born at: Floriana Malta

f / on the: 10th March 1867

u mgħammed/da / and baptised: 10th March 1867

minn / by: F. Emanuel Borg

Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa
I certify that the above is true and correct

Data / Date: 13.07.2017

Arcipriet/Parish Priest

Iċ-ċertifikat tal-magħmudija ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944)

F’dal-kotba u artikli li semmejna nsibu dejjem id-data tal-10 t’Ottubru 1867 bħala dik uffiċjali li fiha twieled is-surmast Miruzzi. Iżda minn ċertifikat awtentiku maħruġ mir-reġistru tal-Knisja

Arċipretali San Publiju, il-Furjana[1] fit-13 ta' Settembru 2017, bit-timbru uffiċjali tal-istess parroċċa u ffirmat minn idejn l-Arċipriet, insibu li Mro. Miruzzi fil-fatt twieled il-Furjana fil-**10 ta' Marzu, 1867** u tgħammed minn idejn il-Viċi-Parroku Dun Manwel Borg. Ngħatawlu wkoll l-ismijiet ta' Mario, Carmel, Joseph, Saviour, u naturalment, Publius. Kien it-tieni wild fost erbat aħwa ta' Joseph Miruzzi u Michaela Brincat. Ħutu l-oħra kienu M(ario) Carmelo Marozzo – 8 ta' Ġunju 1865, Carmel Miruzzi – 5 ta' Diċembru 1869, u Maria Marozzi – 20 ta' Settembru 1871, li bħal ħuhom Antonio, ilkoll ġew mgħammdin fl-istess jum li fih twieldu. Tajjeb ngħidu hawnhekk li, għalkemm M(ario) Carmelo u Maria għandhom kunjomhom imniżżel xi ftit differenti mill-kunjom kif nafuh aħna, l-ismijiet tal-ġenituri tagħhom huma l-istess bħal t'Antonio u Carmelo.

**Dal-artiklu għandu jneħħi kull dubju dwar id-data eżatta ta' meta twieled Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, mil-lum 'il quddiem, kulmin jitħajjar jikteb xi ħaġa fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jniżżel dejjem dad-dati li ġejjin wara ismu: 10.iii.1867 – 23.x.1944.**

[1] Ta' min jgħid li, il-magħmudijiet bdew jinżammu fir-reġistru ta' dil-parroċċa sa mill-1844.